MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 278/2008

**Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**Baltimore Consulting Limited**
**(C – 27895)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat it-18 ta' Marzu, 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti Baltimore Consulting Limited ghamlet l-istess talbiet identici postulati mis-socjeta` ntimata Carmelo Caruana Company Limited (C – 9616), deciza minn din l-istess qorti fl-udjenza tal-lum stess Rikors Numru 275/08;

Rat ir-risposta identika tal-Kontrollur intimat datata l-24 t'April, 2008, minnu pprezentata fir-rikors indikat fil-paragrafu precedenti;

Rat ir-rikors tal-Kontrollur intimat datat l-14 ta’ Mejju, 2008, fl-atti tar-rikors indikat fl-ewwel paragrafu fuq riferit, fejn wara li fil-verbal tieghu, l-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti esprima l-kunsens tieghu ghall-istess, il-qorti diversament preseduta, laqghet it-talba tal-Kontrollur intimat bid-digriet taghha tas-27 ta’ Mejju, 2008, u ordnat li r-rikorsi hemm indikati kellhom jinstemghu kontestwalment – u dan, a skans ta’ dilungar inutili u ghall-ahjar ekonomija tal-gudizzju;

Illi dan ir-rikors hu wiehed minn dawk elenkati fl-istess digriet fuq riferit u konsegwentement din il-qorti qed taghmel pjena referenza ghas-sentenza taghha minnha moghtija llum stess, u a skans ta’ ripetizzjoni u dilungar kontroproducenti w inutili, ghar-ragunijiet hemm premessi;

Takkolji t-talbiet tal-Kontrollur intimat u konsegwentement, tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti Baltimore Consulting Limited, bl-ispejjez.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------